# Il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE

eu 2010.es

Mill-bidu ta' dan ix-xahar u għal ħames xhur li ġejjin, Spanja se jkollha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Hija l-ewwel Presidenza li qiegħda topera taħt ir-regolamenti tat-Trattat ta' Liżbona li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru. Għalhekk, hija l-ewwel pajjiż li se tieħu l-Presidenza tal-Kunsill minn meta ġew innominati l-President permanenti tal-Kunsill Ewropew u Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin.

Spanja, il-Belġju u l-Ungerija, li se jkollhom il-presidenza fit-tieni nofs ta' din is-sena u fl-ewwel nofs tas-sena 2011 rispettivament, se jwettqu programm ta' ħidma għat-tmintax-il xahar li ġejjin. Għal Presidenza Spanjola l-erba' prijoritajiet ewlenin, li jkopru sa nofs din is-sena jinkludu:

**L-ekonomija u x-xogħol:** il-Presidenza se tkun qiegħda taħdem biex tirkupra mill-kriżi ekonomika u l-impjiegi ġodda fis-suq Ewropew. Permezz tal-Istrateġija 2020, l-Ewropa qed timmira għal suq iktar b'saħħtu u iktar favur l-ambjent.

**L-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona:** it-Trattat se jkollu impatt kemm fuq il-Presidenza tal-Kunsill, kif ukoll fuq il-ħidma tal-istituzzjonijiet Ewropej, se tkun introdotta l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej, u jitwaqqaf is-Servizz Ewropew għal Azzjoni Esterna.

**Iċ-Ċittadinanza Ewropea:** Spanja se tkompli bix-xogħol tal-Presidenza Svediża, u taħdem fuq il-Programm ta' Stokkolma filwaqt li tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tad-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni.

**L-Affarijiet Barranin:** il-Presidenza se taħdem biex jitwettqu pożizzjonijiet ta' politika komuni Ewropea. Matul dawn is-sitt xhur, numru ta' laqgħat għolja Ewropej se jkunu organizzati, fosthom mal-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Russja, il-Kanada, il-pajjiżi tal-Mediterran u tal-Amerika Latina.

Il-MEUSAC u l-Ambaxxata ta' Spanja se jorganizzaw **Djalogu Pubbliku** nhar it-**Tlieta 26 ta' Jannar 2010 fl-10.30am**. Waqt id-Djalogu Pubbliku se jiġu ppreżentati u diskussi l-prijoritajiet u l-programm tal-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE. Jintervjenu fost oħrajn, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin Tonio Borg u l-Ambaxxatur ta' Spanja għal Malta María Isabel Vicandi

Aktar dettalji jinsabu fuq is-sit tal-MEUSAC.

Ir-reġistrazzjoni għandha ssir bl-email fuq info.meusac@gov.mt jew billi ċċempel fuq 2200 3300 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' għada t-Tnejn 25 ta' Jannar.

MEUSAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112*
*2200 3300*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*